KLR 16/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-Viċi Sindku Josef Schembri u l-membru Joe Debrincat u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. *Update* – proġett ERDF**

- Is-Sindku għarraf lill-membri li fis-27 ta' Frar saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex rigward dan il-proġett. Għan-nom tal-Kunsill, mas-Sindku attendew il-Perit Edward Scerri, l-*Project Administrator* William Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard. Il-Ministeru għal Għawdex ser jagħmel l-almu tiegħu fir-rigward tas-siġar ta' Pjazza Inidpendenza u fit-tkomplija tat-tarmac minn quddiem il-Każin La Stella sat-Tokk u minn Pjazza Savina sa Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Minn naħħa tal-Ministeru ser isir ukoll ir-restawr minn barra tal-Banca Giuratale.
- Il-*GPR Scanning* għal-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Pjazza Indipendenza nbeda illum u ser jitkompla għada.
- L-offerta tal-*interpretation panels* tagħlaq nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2014 f'nofs in-nhar. Din tinfetaħ dak il-ħin stess. Il-membri qablu li l-bord ta' aġġudikazzjoni għal din l-offerta għandu jkunu hekk:- *Chairman* William Sultana, Evalwaturi Ing. James Grima, Paul Dimech u l-Perit Gordon Vella u Miriam Attard Segrtarja.
- L-offerti li ntefgħu għall-avviżi numri:- 12/2013, 13/2013 u 14/2013 jinsabu f'dokument A anness.

**3. Immaninġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-pemess għall-

3.1 parkeġġ riservat għall-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fi Triq ta' Wara s-Sur;

3.2 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 76, Triq tal-Far;

3.3 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Kerstein Marie', Triq Santa Martha;

3.4 *No Entry Except for Access* fi Triq Sant' Indrija kantuniera ma Triq Palma;

3.5 *double yellow lines* u *bollards* fiż-żewġ daħliet tar-rampa ta' maġenb il-ġnien ta' Qasam San Ġorġ.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall:-

3.6 mera tat-traffiku fi Triq Patri Manuel Magri faċċata ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju;

3.7 *bus stop* ġdida fejn il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

3.8 tabella li turi li ma jistgħux jagħddu vetturi tqal fil-passaġġ ta' maġenb il-wied li jinfed minn Triq Kerċem għal Triq Wied il-Lunzjata. Għandu jintalab ukoll sabiex dan il-passaġġ ikun *one way* li tidħol biss minn naħħa ta' Triq Kerċem;

3.9 *double yellow line* fil-kantunieri ta' Triq Muniċipju Ruman ma Triq Fortunato Mizzi.

3.10 Il-membri qablu wkoll li terġa' ssir pressjoni fuq it-*traffic lights* li kellhom isiru biex ikunu jistgħu jgħaddu l-*buses* minn Pjazza San Franġisk għal Triq taħt Putirjal.

## 4. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

4.1 il-Ministeru għal-Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li minn Għawdex, Il-Kunsill tar-Rabat intgħażel sabiex jibbenefika mill-iskema *Greening the Communiities*. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jissottometti proposta sabiex il-fondi jintefqu fi Pjazza Santu Wistin;

4.2 l-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li 30% tal-fond tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) ser jibda jintuża għal-tindif u egħluq ta' siti miftuħa fil-lokalita'. Il-MEPA għanda tiġi nfurmata li l-Kunsill jaqbel li jsir dan ix-xogħol pero' mhux mill-fond tal-UIF;

4.3 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn mill-iskema ta' inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014, il-Kunsill ġie mogħti €7,000 għall-*Victoria International Arts Festival 2014.*

4.4 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn intbagħtu dettalji rigward ħatriet ta' Ambaxxaturi Żgħażagħ minbarra il-lokalita';

4.5 Shirley Spiteri Mintoff mill-Kumissjoni Nazzjonali għall-Promizzjoni tal-Ugwaljanza fejn intalab permess sabiex tintuża *area* fejn ikun jista' jiġi pparkjat vann li jintuża għall-pormozzjoni ta' din il-Kummissjoni. Il-membri qablu li jintuża parkeġġ fi Triq Repubblika l-isfel mill-*Maltapost*;

4.6 Ariane Vella li għanda d-dar tiftaħ fuq il-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Qed tissuġġerixxi li l-wesgħa ta' quddiemha tissemma 'Pjazza tal-Ibraġġ'. Il-membri qablu u l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq ser jiġi mgħarraf b'dan;

4.7 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn tressqu talbiet mingħand postijiet Taljani li jixtiequ li jiġġemellaw ma postijiet Maltin. Billi dawn m'humiex Bliet, il-Kunsill tar-Rabat mhux ser jidħol għal dawn il-ġemellaġġi;

**5. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

5.1 jitħallsu l-ispejjes tat-Tribunal fuq is-sistema tal-Gwrdjani Lokali minn Marzu sa Diċembru 2013. Dawn jammontaw għall-€1361.96;

5.2 jintlabu xi spejjes hemm ġodda li jinvolvu t-tmexxija tad-*demarcation box* tal-bozza l-ġdidia ta' 'Xambekk Crt.' Fi Triq Wied is-Seqer;

5.3 l-barumbara antika tal-ħamiem li hemm fi Triq Wied is-Seqer tiġi restawrata minn Wirt Għawdex;

5.4 jerġa' jingħata t-trattament lis-siġar tal-palm minn Mejju 'l quddiem;

5.5 s-Sindku jipparteċipa fiż-żjara fl-Emiglia Romagna organiżżata mill-Kumitat Reġjonali t'Għawdex flimkien mal-*Gozo Business Chamber* (GBC) għas-Sindki u membri mill- GBC;

5.6 tintalab stima mingħand il-Perit rigward il-kisi bil-profido ta' sqaq numru 1;

5.7 tiġi sottomessa applikazzjoni EACAS – Slovenia, u l-membru Portelli ser tieħu ħsieb l-applikazzjoni ta' *Youth Exchange*;

5.8 tintbgħat korrispondenza fi Triq Sant' Indirija minħabba l-iskart li jinħareġ wara l-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku u minħabba l-ħmieġ tal-annimali li jkun hemm.

5.9 Tressaq suġġeriment sabiex isir *hanger* għall-boroż tal-iskart tar-residenti tal-*area* tal-parti t'isfel ta' Triq ta' Wara s-Sur. Din ikun aħjar jekk ma ssirx peress li dawn isiru fejn hemm *housing estates* biex tiġi evitata l-problema li l-iskart ta' kull blokk jintefa quddiem il-flat tas-sular t'isfel.

5.10 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Marzu 2014 skont dokument B anness.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 9 ta' April 2014 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av Samuel Azzoaprdi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |